**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 10 ta' Diċembru 2024**

**Kawża Numru: 1045/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Omissis**

**Jonathan Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imsemmi **Jonathan Vella** ta' tnejn u għoxrin (22) sena, iben Michelina Vella nee' Vella, imwieled Żabbar, Malta nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed (2001), residenti Blokk 2, Entratura A, Flat 7, Triq il-Pellegrinaġġ, Bormla u detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 0294001L.

U f'isem ir-Repubblika ta' Malta nakkużawh talli nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn it-tmienja u nofs ta' filgħaxija (20:30hrs) u l-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30hrs), ġewwa l-*Convenience Store*, Pjazza Meme' Scicluna, Gżira u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti, kkwalifikat **bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur** li mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u dan sar għad-dannu tal-*Convenience Store* u/jew entita' u/jew entitajiet oħra u/jew ta' Suresh Shrestha u/jew ta' persuni oħra.

2. U aktar talli fil-pussess tiegħu kellu arma, sikkina jew strument li jaqta' u/jew bil-ponta barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestajt, żammejt jew issekwestrajt lil **Suresh Shrestha,** kontra l-volonta' tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu kif ukoll hedditu bil-mewt;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba fil-każ ta ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skond il-Liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ ta' ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skond il-Liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-familjari tal-vittma, kif ukoll sabiex tipprovdi għas-sigurta tax-xhieda kollha li eventwalment jiddeponu f'din il-kumpilazzjoni, bil-għan li x-xhieda kollha jkunu protetti minn fastidju jew mġieba oħra li tikkaġunalhom biża' ta' vjolenza;

Fil-każ ta' ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skond il-Liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta Malta u/jew ta' kull artikolu ieħor tal-Liġi li jista' jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni;

Rat ukoll illi għalkemm waqt l-ezami tiegħu ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat Jonathan Vella wieġeb li m'huwiex ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati, fl-udjenza tal-ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermatha wara li l-Qorti ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wissietu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jikkunsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat ukoll illi għalkemm oriġinarjament dawn il-proċeduri ttieħdu fil-konfront tal-imputat Jonathan Vella u ta' Usri Mifsud, fl-udjenza tal-ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju fir-rigward tal-imputat odjern, liema talba ġiet milqugħa minn din il-Qorti, sabiex għalhekk issa ser tgħaddi għas-sentenza fil-konfront tal-istess imputat ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat Jonathan Vella għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-preżenza tal-avukat difensur tiegħu, din il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi permezz ta' rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, preżentat fir-Reġistru nhar it-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ir-rikorrenti ddikjaraw li kienu qegħdin jaqblu u talbu lil din il-Qorti sabiex *"fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-imputat Jonathan Vella għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, tenendo kont tal-fattispecie kollha tal-każ, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda ta'* ***sentejn priġunerija sospiżi għall-perjodu ta' erbgħa snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*** *Dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali mandatorja għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*[1]*"*

Tqis għalhekk li l-prosekuzzjoni u l-imputat kif debitament assistit qablu fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-istess imputat.

Tqis ukoll illi wara li ħadet konjizzjoni tar-rikors konġunt tal-partijiet, u qabel ma ġiet reġistrata l-ammissjoni da parti tal-imputat, fl-udjenza ta' nhar il-ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024)[2], il-Qorti ddikjarat illi apparti l-piena ndikata fil-patteġġjament, trid tinfliġġi ukoll il-piena ta' multa fir-rigward tat-tieni imputazzjoni;

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom ġie mixli l-imputat u li tagħhom huwa iddikjara li huwa ħati, il-fedina penali tal-

[1] A fol. 396 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 398 tal-atti proċesswali

imputat, is-*social inquiry* report imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Gabriella James[3], kif ukoll, iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Tqis għalhekk li għandha taderixxi mat-talba konġunta magħmula mill-partijiet permezz ta' rikors preżentat fir-Reġistru nhar it-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), b'dana li kif dikjarat "in open court" ser tinfliġġi ukoll il-piena tal-multa fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li fl-udjenza ta' nhar il-ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), il-partijiet qablu li b'referenza għat-talba tal-prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ammont li għandu jiġi restitwit huwa dak ta' sitt mija u sittin ewro (€660) bħala l-ammont komplessiv li ġie misruq.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 86, 87(1)(ċ)(e), 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(a)(b), 263, 267, 270, 275, 277(b), 278(1), 279(a), 280(2) kif ukoll l-Artikoli 23, 31, 392A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat Jonathan Vella ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih, u qegħda tikkundannah għall-piena ta' sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għal żmien erba' (4) snin mill-llum, kif ukoll multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€ 116.47).

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċari u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti qegħda toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' **Suresh Shrestha**. Dan l-Ordni ta' Trażżin qiegħed jinħareġ għal perijodu ta' tliet snin li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qiegħed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu, kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè

[3] A fol. 243 tal-atti proċesswali

f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Ai termini ta' l-Artikolu 392C u l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti maħtura f'dawn il-proċeduri, kif ukoll fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta. Illi madanakollu in vista tal-fatt li dan il-każ kien jinvolvi ukoll terza persuna, Usri Mifsud, illum akkużat fi proċeduri separati, il-Qorti qegħda talloka lill-ħati biss nofs l-ispejjeż relatati mal-esperti maħtura, fejn il-fazzjoni li qiegħed jiġi kkundannat sabiex iħallas l-imputat hija dik ta':-

i. tmien mija u għoxrin ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€820.77), rappreżentanti nofs l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-espert John Sacco[4];
ii. mija u sitta u għoxrin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€126.71) rappreżentanti nofs l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-espert PC 2424[5];
iii. tliet mija u tnejn u sittin ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€362.79) rappreżentanti nofs l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-espert Joseph Mallia[6];
iv. tnejn u għoxrin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€22.89) rappreżentanti nofs l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-espert Dr. Alexandra Mamo[7]; kif ukoll
v. nofs l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-espert Dr. Marisa Cassar ġjaladarba dawn jiġu determinati mir-Reġistratur.

Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu mħallsa mill-ħati fi żmien ħmistax-il xahar mill-llum jew altrimenti jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi.

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati jirestitwixxi l-ammont ta' sitt mija u sitin ewro (€660) lil Convenience Store u dan bħala kumpens għad-danni u l-ħsara magħmula. Dan il-ħlas għandu jsir fi żmien ħmistax (15)-il xahar mill-llum.

Illi fid-dawl tal-fatt illi l-oġġetti eżebiti jifformaw parti minn proċeduri separati kontra terza persuna, il-Qorti f'dan l-istadju mhux ser tordna l-konfiska tal-oġġetti li dwarhom sar ir-reat.

[4] L-ammont sħiħ tal-ispejjeż kien dak ta' €1641.54 - A fol. 192 tal-atti proċesswali
[5] L-ammont sħiħ tal-ispejjeż kien dak ta' €253.43 – A fol 171 tal-atti proċesswali
[6] L-ammont sħiħ tal-ispejjeż kien dak ta' €725.58 – A fol. 308 tal-atti proċesswali
[7] L-ammont sħiħ tal-ispejjeż kien dak ta' €45.78 – A fol. 316 tal-atti proċesswali

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil**

**Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara**